

Brussell, 16 ta' Frar 2022  
(OR. fr)

6004/22

FIN 121  
PE-L 8

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill- aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020 – <i>Adozzjoni</i>

---

1. F'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003<sup>1</sup> u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 66 tar-Regolament (KE) Nru 1653/2004<sup>2</sup>, il-Kunsill huwa meħtieġ ifassal rakkomandazzjonijiet lill-Parlament Ewropew dwar kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

<sup>2</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6).

2. Fil-vidjokonferenza informali tal-21 ta' Jannar u fil-laqgħa tal-25 ta' Jannar, il-membri tal-Kumitat tal-Baġit eżaminaw is-sitt rapporti annwali speċifiċi<sup>3</sup> li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri stabbilixxiet skont il-kontijiet annwali tal-aġenziji eżekuttivi, u laħqu ftehim dwar l-abbozz ta' testi kif jidhru fl-Addendum.
  3. Il-Kumitat tal-Baġit jagħti parir lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti biex jissuġġerixxi lill-Kunsill:
    - jadotta l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet kif imniżżlin fl-Addendum għal din in-nota; u
    - jieħu ħsieb biex dawn jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u japprova l-abbozz ta' ittra fl-Anness għal dak il-għan.
- 

---

<sup>3</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: President tal-Kunsill

lil: President tal-Parlament Ewropew

Sinjura President,

F'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003<sup>1</sup> u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 66 tar-Regolament (KE) Nru 1653/2004<sup>2</sup>, qed nibgħatlek separatament<sup>3</sup> ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2022 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

[Formola tal-għeluq].

---

---

<sup>1</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

<sup>2</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6).

<sup>3</sup> Dok. 6004/22 + ADD 1.